V

(Avviżi)

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż tal-iskadenza imminenti ta' ċerti miżuri tal-anti-dumping

(2012/C 116/03)

1. Kif stipulat fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 [1] dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea tavża li, sakemm ma titnediex reviżjoni skont il-proċedura li ġejja, il-miżuri ta' anti-dumping imsemmija hawn taħt se jiskadu fid-data msemmija fit-tabella ta' hawn taħt.

2. **Proċedura**

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jressqu talba bil-miktub biex issir reviżjoni. Din it-talba trid tinkludi biżżejjed evidenza li l-iskadenza tal-miżuri aktarx li twassal biex jitkomplew jew ifeġġu mill-ġdid id-dumping u d-dannu.

Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tirrevedi l-miżuri kkonċernati, l-importaturi, l-esportaturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur u l-produtturi tal-Unjoni jingħataw l-opportunità li jamplifikaw, jikkontestaw jew jikkummentaw dwar il-kwistjonijiet fit-talba għar-reviżjoni.

3. **Limitu ta' żmien**

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jressqu talba bil-miktub għal reviżjoni abbażi ta' dak li ssemma hawn fuq, li għandha tasal għand il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ (l-Unità H-1), N-105 4/92, 1049 Brussell, Belgium [2] fi kwalunkwe żmien wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż iżda mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data msemmija fit-tabella hawn taħt.

4. Dan l-avviż huwa ppubblikat skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009.

Il-Prodott	Pajjiż(i) tal-oriġini jew tal-esportazzjoni	Miżuri	Referenza	Data ta' skadenza [1]
Disiandiammid (DCD)	Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina	Dazju anti-dumping	ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1331/2007 (ĠU L 296, 15.11.2007, p. 1)	16.11.2012

[1] Il-miżura tiskadi f'nofsillejl tal-jum imsemmi f'din il-kolonna.

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
[2] Fax +32 22956505.